**A.L. 145 ta' l-2003**

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

## Ordni ta' l-2003 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika tas-Slovenja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel l-ordni li ġej;-

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2003 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq *Income*) (Repubblika tas-Slovenja). Titolu.

**2.** B'dan qiegħed jiġi dikjarat - Arranġamenti jkollhom effett.

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni saru mar-Repubblika tas-Slovenja sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tar-Repubblika tas-Slovenja;

- it-taxxa fuq il-profitti ta' persuni legali;

- it-taxxa fuq l-*income* ta' individwi, inklużi pagi u salarji, *income* minn attivitajiet ta' l-agrikoltura, *income* mill-kummerċ, qligħ kapitali u *income* minn proprjetà immobbli u minn proprjetà mobbli;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fit-12 ta' Ġunju, 2003.

## SKEDA

### FTEHIM BEJN MALTA U R-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA DWAR ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA U L-PREVENZJONI TA' EVAŻJONI FISKALI DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*

Malta u r-Repubblika tas-Slovenja, billi jixtiequ jagħmlu Ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, ftehmu kif ġej:

### Artiklu 1

### PERSUNI KOPERTI

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

### Artiklu 2

### TAXXI KOPERTI

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għal taxxi fuq l-*income* imposti f'isem xi Stat Kontraenti jew is-sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali tiegħu, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* dawk it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali, jew fuq elementi ta' *income*, inklużi taxxi fuq qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli u taxxi fuq l-ammonti totali ta' pagi jew salarji mħallsa mill-intrapriżi, kif ukoll taxxi fuq l-apprezzament tal-kapital.

3. It-taxxi eżistenti li għalihom japplika dan il-Ftehim huma:

(a) fis-Slovenja:

*(i)* it-taxxa fuq il-profitti ta' persuni legali;

*(ii)* it-taxxa fuq l-*income* ta' individwi, inklużi pagi u salarji, *income* minn attivitajiet ta' l-agrikoltura, *income* mill-kummerċ, qligħ kapitali u *income* minn proprjetà immobbli u minn proprjetà mobbli;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa tas-Slovenja");

(b) f'Malta:

it-taxxa fuq l-*income*;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li tiġi imposta wara d-data meta jiġi ffirmat il-Ftehim b'żieda ma', jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b'kull tibdil sinifikanti li jkun sar fil-liġijiet rispettivi tagħhom dwar it-taxxa.

**Artiklu 3**

**TIFSIRIET ĠENERALI**

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'oħra:

(a) il-frażi "Slovenja" tfisser ir-Repubblika tas-Slovenja u, meta tiġi użata f'sens ġeografiku, tfisser it-territorju tas-Slovenja, inkluża l-area tal-baħar, qiegħ il-baħar u s-sottoswol adjaċenti għall-baħar territorjali, li fuqhom ir-Repubblika tas-Slovenja tista' teżerċita d-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tagħha skond il-leġislazzjoni tagħha u skond id-dritt internazzjonali;

(b) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar u s-sottoswol tagħha u l-kolonna ta' l-ilma sovrajaċenti u li tinsab adjaċenti għall-ibħra territorjali, fejn Malta teżerċita drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni, jew kontroll skond il-liġi internazzjonali u skond il-liġi nazzjonali tagħha, inkluża l-leġislazzjoni tagħha li tirrigwarda l-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

(ċ) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru s-Slovenja jew Malta, skond ir-rabta tal-kliem;

(d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ta' persuni;

(e) il-frażi "kumpannija" tfisser korp magħqud jew enti li jkunu trattati bhala korp magħqud għall-iskopijiet ta' taxxa;

(f) il-frażi "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża ġestita minn residentii ta' Stat Kontraenti u impriża ġestita minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ġ) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser trasport li jsir b'bastiment jew inġenji ta' l-ajru mħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru jiġu unikament imħaddma bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ħ) il-frażi "awtorita` kompetenti" tfisser:

*(i)* fis-Slovenja: il-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika tas-Slovenja jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

*(ii)* f'Malta: il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(i) il-frażi "ċittadin" tfisser:

*(i)* individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Kontraenti;

*(ii)* persuna legali, soċjetà jew assoċjazzjoni li tikseb l-istatus tagħha bħala tali mil-liġijiet li jkunu jseħħu fi Stat Kontraenti.

2. Għar-rigward ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim f'kull żmien minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikollha t-tifsir kif mogħti lilha f'dak iż-żmien taħt il-liġi ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li l-Ftehim ikun japplika għalihom, b'dan li t-tifsir taħt il-liġijiet tat-taxxa applikabbli ta' dak l-Istat ikunu jipprevalixxu fuq tifsira mogħtija lill-frażi taħt liġijiet oħra ta' dak l-Istat.

## Artiklu 4

## RESIDENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, hija suġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba d-domiċilju, r-residenza, post tal-maniġġ jew xi kriterju ieħor ta' xorta simili, u tinkludi wkoll lil dak l-Istat u lil kull sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali relattiva. Din il-frażi, madankollu, ma tinkludix lil xi persuna li tkun suġġetta għat-taxxa f'dak l-Istat għar-rigward biss ta' *income* minn għejjun f'dak l-Istat.

2. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-disposizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-disposizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li miegħu r-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu ikunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

(b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jistax jiġi determinat, jew jekk huwa ma jkollux għad-disposizzjoni tiegħu dar permanenti f'ebda Stat, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat li fih soltu jirrisjedi;

(ċ) jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat li tiegħu jkun ċittadin;

(d) jekk huwa jkun ċittadin taż-żewġ Stati jew ta' l-ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejnithom.

3. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, din għandha għaldaqstant titqies bħala residenti biss ta' l-Istat fejn ikun jinsab il-post effettiv tal-maniġġ tagħha.

**Artiklu 5**

**STABBILIMENT PERMANENTI**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa għalkollox jew f'parti minnu x-xogħol ta' impriża.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" tinkludi b'mod speċjali:

(a) post ta' maniġġ,

(b) fergħa,

(ċ) uffiċċju,

(d) fabbrika,

(e) ħanut tax-xogħol, u

(f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali inkluż sit ta' *offshore drilling*.

3. Il-frażi "stabbiliment permanenti" bl-istess mod tħaddan:

(a) art li tkun qegħda tinbena jew kostruzzjoni, proġett ta' assemblaġġ jew ta' stallazzjoni jew attivitajiet superviżorji li jkollhom x'jaqsmu ma' dan, iżda biss meta dik l-art, dak il-proġett jew dawk l-attivitajiet ikomplu għal perjodu ta' aktar minn disa' xhur;

(b) l-għoti ta' servizzi, inklużi servizzi ta' konsulenza minn impriża permezz ta' impjegati jew persunal ieħor imqabbad mill-impriża għaldaqstant, iżda biss sakemm attivitajiet ta' dik ix-xorta ikomplu (għall-istess proġett jew għal proġett konness) fi Stat Kontraenti għal perjodu jew perjodi li flimkien iġibu iktar minn sitt xhur f'xi perjodu ta' tnax-il xahar.

4. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża;

(b) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna;

(ċ) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' proċessar minn impriża oħra;

(d) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija, jew ta' ġbir ta' tagħrif għall-impriża;

(e) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku li tiġi ġestita, għall-impriża, xi attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

(f) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xi kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi (a) sa (e), kemm-il darba l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun waħda ta' xorta preparatorja jew awżiljari.

5. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2, meta persuna - li ma tkunx aġent bi status indipendenti li għalih japplika l-paragrafu 6 - tkun qed taġixxi f'isem impriża u jkollha, u tkun soltu teżerċita, fl-Istat Kontraenti awtorità li jagħmlu kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat għar-rigward ta' kull attività li dik il-persuna tagħmel għal dik l-impriża, kemm-il darba l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 li, jekk jiġu eżerċitati minn ġo post tan-negozju fiss, ma jirrendux dan il-post ta' negozju fiss bħala stabbiliment permanenti taħt il-provvedimenti ta' dak il-paragrafu.

6. Impriża ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Kontraenti l-ieħor biss minħabba li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qed jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

7. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun ikkontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil xi kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

## Artiklu 6

## *INCOME* MINN PROPRJETÀ IMMOBBLI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura jew ħidma fil-boskijiet) li jkunu jinsabu fl-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobbli" għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li fih tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura u ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw il-provvedimenti tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà ta' l-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu, jew għall-esplorazzjoni ta', depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti, opri tal-baħar u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu ta' kull xorta ta' proprjetà immobbli.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għall- *income* minn proprjetà immobbli ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli użata għall-għemil ta' servizzi personali indipendenti.

## Artiklu 7

## PROFITTI MINN NEGOZJU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu biss taxxabbli f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tmexxix negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom daqskemm tkun attribwibbli għal dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għall-provvedimenti tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom f'kull Stat Kontraenti jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti il-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet jew oħrajn bħalhom u li taħdem indipendentement għalkollox mill-impriża li tagħha tkun stabbiliment permanenti.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet ta' l-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jkunu saru, sew fl-Istat Kontraenti fejn ikun hemm l-istabbiliment permanenti sew band'oħra.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba fi tqassim tal-profitti totali ta' l-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 ma għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim skond ma jista' jkun konswetudinarju; il-metodu ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, jsir hekk li r-riżultat għandu jkun skond il-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artiklu.

5. Ebda profitti ma għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f'li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi preċedenti, l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti biex dan ma jsirx.

7. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li qegħdin jiġu trattati separatament f'Artikli oħra ta' dan il-Ftehim, għaldaqshekk il-provvedimenti ta' dawk l-Artikli ma jintlaqtux bil-provvedimenti ta' dan l- Artiklu.

## Artiklu 8

## TBAĦĦIR U TRASPORT BL-AJRU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 għandhom ukoll japplikaw għal profitti mill-parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija b'operat internazzjonali.

## Artiklu 9

## IMPRIŻI ASSOĊĊJATI

1. Meta:

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li, kieku ma kienux dawk il-kondizzjonijiet, kienu jakkumulaw għal waħda mill-impriżi, iżda, minħabba dawk il-kondizzjonijiet, ma ġewx hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati skond hekk.

2. Meta Stat Kontraenti ikun jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat - u skond hekk jintaxxa - profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat li kieku l-kondizzjonijiet magħmula bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kienu jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, għaldaqshekk dak l-Istat l-ieħor jista' jagħmel it-tibdil li jmiss fl-ammont tat-taxxa imposta hemmhekk fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit it-tibdil, għandhom jitqiesu kif dovut il-provvedimenti l-oħra tal-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom, jekk iħossu jikkonsultaw lil xulxin.

## Artiklu 10

## DIVIDENDI

1. Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk id-dividendi jistgħu ukoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li tkun tħallas id-dividendi tkun residenti u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda:

(a) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti tas-Slovenja lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa tas-Slovenja hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn:

*(i)* 5 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi jekk is-sid benefiċjarju ikun kumpannija li direttament ikollha f'idejha mill-inqas 25 fil-mija tal-kapital tal-kumpannija li tkun qed tħallas id-dividendi;

*(ii)* 15 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi fil-każijiet l-oħra kollha;

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tas-Slovenja li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross tad-dividendi ma għandhiex tkun iżjed minn dik li titħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

Dan il-paragrafu ma jolqotx l-intaxxar tal- kumpannija għar-rigward tal-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

3. Il-frażi "dividendi" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn ishma, ishma konnessi mal-minjieri jew mal-fundaturi jew ma' drittijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, il-parteċipazzjoni fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi li jingħata l-istess trattament fl-intaxxar bħallikieku kien *income* minn ishma skond il-liġijiet ta' l-Istat li tiegħu l-kumpannija li tkun qed tagħmel it-tqassim tkun residenti.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jagħmel f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

5. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief daqskemm dawk id-dividendi jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew daqskemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkun effettivament konness ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita sitwati f'dak Istat l-ieħor, lanqas jissuġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

**Artiklu 11**

**MGĦAX**

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dak l-imgħax jista' wkoll jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn joriġina, u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda, jekk min jirċevih ikun is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, it-taxxa hekk mħallsa m'għandhiex taqbeż 5 fil-mija ta' l-ammont gross ta' l-imgħax.

3. Il-frażi "mgħax" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk ipotekati sew jekk le u sew jekk jagħti l-jedd għal sehem fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*, inklużi *premiums* u premjijiet marbutin ma' titoli, *bonds* jew *debentures* simili. Il-penalitajiet għal ħlas tardiv m'għandhomx jitqiesu bħala mgħax għall-għanijiet ta' dan l-Artiklu.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'każ bħal dak għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

5. L-imgħax għandu jitqies li joriġina fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika tiegħu, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qed tħallas l-imgħax, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi fissa li f'konnessjoni magħhom kien sar id-dejn li fuqu jitħallas l-imgħax, u dak l-imgħax jiġġarrab minn dak l-istabbiliment jew bażi fissa, għaldaqstant dak l-imgħax għandu jitqies li joriġina fl-Istat fejn ikunu jinsabu l-istabbiliment permanenti jew il-bażi fissa.

6. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont ta' l- imgħax, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, fil-qies tal-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

## Artiklu 12

## *ROYALTIES*

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati biss f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk ir-*royalties* jistgħu wkoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti fejn joriġinaw u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk min jirċevihom ikun is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, it-taxxa hekk imħallsa m'għandhiex teċċedi 5 fil-mija ta' l-ammont gross ta' dawk ir-*royalties*.

3. Il-frażi "*royalties*" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jsiru b'korrispettiv għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' kull dritt ta' l-awtur ta' xogħol litterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi films ċinematografiċi, kull privattiva, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, jew għal informazzjoni dwar konoxxenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih ir-*royalties* jinqalgħu, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew l-Artiklu 14, skond il-każ.

5. Ir-*royalties* jitqiesu li joriġinaw fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika tiegħu, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qed tħallas ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi fissa li f'konnessjoni magħhom kienet saret l-obbligazzjoni li fuqu jitħallsu r-*royalties* u dawk ir-*royalties* jiġġarbu minn dak l-istabbiliment jew bażi fissa, għaldaqstant dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Istat fejn ikunu jinsabu l-istabbiliment permanenti jew il-bażi fissa.

6. Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, fil-qies ta' x'ikun l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu l-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

## Artiklu 13

## QLIGĦ KAPITALI

1. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli imsemmi fl-Artiklu 6 u sitwat fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Qligħ mit-trasferiment ta' ishma jew ta' mgħaxijiet li jixxiehbu f'kumpannija li l-attiv tagħha jkun direttament jew indirettament prinċipalment jikkonsisti fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stat Kontraenti jista' jiġi intaxxata f'dak l-Istat.

3. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi stabbilita disponibbli għal residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jew ta' dik il-bażi stabbilita, jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

4. Qligħ li jinkiseb minn intrapriża ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali, jew minn proprjetà mobbli li tappartjeni għall-operat ta' dawk il-bastimenti jew inġenji ta' l-ajru, għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

5. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li tiegħu ikun residenti min jittrasferixxi.

## Artiklu 14

## SERVIZZI PERSONALI INDIPENDENTI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' xorta indipendenti għandu jkun intaxxat biss f'dak l-Istat. Madankollu, dak l-*income* jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk ikollu bażi stabbilita regolarment disponibbli għalih fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jwettaq l-attivitajiet tiegħu; f'dak il-każ hi biss dik il-parti mill-*income* tiegħu daqskemm tkun attribwibbli lil dik il-bażi stabbilita li tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor; jew

(b) jekk il-qagħda tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor tkun għal perjodu jew għal perjodi li fit-total ikunu jaqbżu l-183 ġurnata f'perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena fiskali involuta; f'dak il-każ hi biss dik il-parti mill-*income* tiegħu daqskemm tinkiseb mill-attività tiegħu eserċitata fl-Istat Kontraenti l-ieħor li tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi attivitajiet letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim li huma speċjalment indipendenti kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta' tobba, avukati, inġiniera, periti, dentisti u *accountants*.

## Artiklu 15

## SERVIZZI PERSONALI DIPENDENTI

1. Bla ħsara għall-provvedimenti ta’ l-Artikli 16, 18, 19 u 20, is-salarji, il-pagi u kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn residenti ta’ Stat Kontraenti dwar xi impieg għandhom ikunu taxxabbli biss f’dak l-Istat kemm-il darba l-impieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista’ jiġi intaxxat f’dak Istat l-ieħor.

2. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta’ Stat Kontraenti dwar impieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) min jirċevih ikun preżenti fl-Istat l-ieħor għal perjodu jew perjodi li ma jaqbżux it-total ta’ 183 ġurnata f’perjodu ta’ tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena fiskali involuta, u

(b) il-kumpens jitħallas minn, jew f’isem, prinċipal li ma jkunx residenti ta’ l-Istat l-ieħor, u

(ċ) il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti, jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja l-provvedimenti preċedenti ta’ dan l-Artiklu, il-kumpens li jinkiseb dwar impieg eżerċitat abbord bastiment jew inġenji ta’ l-ajru operati fi traffiku internazzjonali minn impriża ta’ Stat Kontraenti jista’ jiġi intaxxat f’dak l-Istat.

## Artiklu 16

## DRITTIJIET TAD-DIRETTURI

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet simili oħra li jinkisbu minn residenti ta’ Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta’ membru tal-bord ta’ diretturi ta’ kumpannija li tkun residenti ta’ l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f’dak l-Istat l-ieħor.

## Artiklu 17

## ARTISTI U SPORTIVI

1. Minkejja l-provvedimenti ta’ l-Artikli 14 u 15, *income* li jinkiseb minn residenti ta’ Stat Kontraenti bħala uħud li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċista, jew bħala sportiv, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali li jiġu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f’dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta *income* dwar attivitajiet personali eżerċitati minn min jagħti spettaklu jew sportiv fil-kapaċità tiegħu bħala tali jinġabar mhux minn min jagħti spettaklu jew l-isportiv innifsu iżda minn xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja l-provvedimenti ta' l-Artikli 7, 14 u 15, jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti li fih l-attivitajiet ta' min jagħti spettaklu jew ta' l-isportiv jiġu eżerċitati.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, ma għandhomx japplikaw għal *income* minn attivitajiet li jitwettqu fi Stat Kontraenti minn uħud li jagħtu spettaklu jew sportivi jekk l-attivitajiet ikunu sostanzjalment appoġġati minn fondi pubbliċi ta' Stat Kontraenti wieħed jew tat-tnejn li huma jew ta' sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali relattivi. F'dak il-każ, l-*income* ikun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li tiegħu min jagħti spettaklu jew l-isportiv ikun persuna residenti.

## Artiklu 18

## PENSJONIJIET U ĦLASIJIET TAS-SIGURTÀ SOĠJALI

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 19, pensjonijiet u ħlasijiet oħra bħal dawk li jitħallsu lil residenti ta' Stat Kontraenti b'korrispettiv għal xi impjieg imgħoddi għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, pensjonijiet imħallsa u ħlasijiet oħra li jsiru taħt il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' Stat Kontraenti jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat.

## Artiklu 19

## SERVIZZ TAL-GVERN

1. (a) Salarji, pagi u kull rimunerazzjoni simili oħra, li ma jkunux xi pensjoni, mħallsa minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew minn awtorità lokali tiegħu lil individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

(b) Madankollu, dawk is-salarji, pagi u kull rimunerazzjoni simili oħra għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat li:

*(i)* huwa jkun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

*(ii)* ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat unikament sabiex jaqdi dawk is-servizzi.

2. (a) Pensjoni li titħallas minn Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali relattivi, jew minn fondi oriġinati minnhom lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali relattivi, għandha tkun taxxabbli biss f'dak l-Istat.

(b) Madankollu, dik il-pensjoni għandha tkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti ta' dak l-Istat u ċittadin tiegħu.

3. Il-provvedimenti ta' l-artikli 15, 16, 17 u 18 għandhom japplikaw għal salarji, pagi u kull rimunerazzjoni simili oħra, u għal pensjonijiet, għar-rigward ta' servizzi mogħtijin f'dak li għandu x'jaqsam ma' negozju li jkun ġestit minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew minn awtorità lokali tiegħu.

## Artiklu 20

## PROFESSURI U RIĊERKATURI

1. Residenti ta' xi wieħed mill-Istati Kontraenti li, fuq stedina li ssirlu minn xi università, kulleġġ, skola, jew istituzzjoni edukattiva oħra rikonoxxuta li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor, ikun temporanjament preżenti fl-Istat l-ieħor unikament bl-iskop li jgħallem, jew li jagħmel riċerka, jew it-tnejn flimkien, fl-istituzzjoni edukattiva għandu, għal perjodu li ma jkunx jeċċedi s-sentejn minn meta l-ewwel jasal f'dak l-Istat l-ieħor, ikun eżenti mit-taxxa mill-Istat l-ieħor fuq il-ħlas li jirċievi għal dak it-tagħlim jew dik ir-riċerka, sakemm dak il-ħlas jinkiseb minnu minn għejjun barra minn dak l-Istat l-ieħor. Jekk iż-żjara tkun teċċedi is-sentejn, l-Istat l-ieħor jista' jintaxxa lill-individwu taħt il-liġi nazzjonali tiegħu għaż-żmien kollu taż-żjara, kemm-il darba f'xi każ partikolari l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati ma jaqblux xort'oħra.

2. Ma għandha tingħata ebda eżenzjoni taħt il-paragrafu 1 dwar xi ħlas magħmul għal riċerka li ssir għall-benefiċċju ta' xi persuna li ma tkunx l-istituzzjoni edukattiva li tkun għamlet l-istedina msemmija fil-paragrafu 1.

## Artiklu 21

## STUDENTI U APPRENDISTI FIL-KUMMERĊ

Kull ħlas li student jew apprendist fil-kummerċ li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun preżenti fl-ewwel imsemmi Stat unikament għall-għan ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu, jirċievi għall-fini tal-mantniment, l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu m'għandux jiġi intaxxat f'dak l-Istat, sakemm dawk il-ħlasijiet joriġinaw minn għejjun li ma jkunux f'dak l-Istat.

## Artiklu 22

## *INCOME* IEĦOR

1. Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma jkunux ittrattati fl-Artikli ta' hawn aktar qabel ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal *income*, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli kif imfisser fil-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 6, jekk min jirċievi dak l-*income*, għax ikun residenti ta' Stat Kontraenti, jiġġestixxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dak l-Istat, jew iwettaq f'dak Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* jkun effettivament konness ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi fissa. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

## Artiklu 23

## ELIMINAZZJONI TA' TASSAZZJONI DOPPJA

1. Fil-każ tas-Slovenia, it-tassazzjoni doppja għandha tiġi eliminata kif ġej:

Meta residenti jikseb *income* li, skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, jista' jkun intaxxat f'Malta, is-Slovenja għandha tippermetti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti, ammont li jkun daqs it-taxxa fuq l-*income* mħallsa f'Malta. Dak it-tnaqqis ma għandux, madankollu, jeċċedi dik il-parti mit-taxxa fuq l-*income* hekk kif tiġi komputata qabel ma jingħata t-tnaqqis, li jkun attribbwibbli għall-*income* li jista' jiġi intaxxat f'Malta.

2. Fil-każ ta' Malta, it-tassazzjoni doppja għandha tiġi eliminata kif ġej:

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar li jiġi permess kreditu fit-taxxa ta' Malta ghar-rigward tat-taxxa barranija, meta, skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, ikun hemm inkluż fi stima li ssir minn Malta *income* minn ghejjun ġewwa s-Slovenja, it-taxxa tas-Slovenja fuq dak l-*income* ghandha tkun permessa bħala kreditu fit-taxxa ta' Malta relattiva li titħallas fuqu.

3. Meta skond kull provvediment tal-Ftehim *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat, dak l-Istat jista' madankollu, fil-kalkolu ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li jifdal ta' dak ir-residenti, iqis l-*income* eżentat.

## Artiklu 24

## EBDA DISKRIMINAZZJONI

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti ma għandhomx jiġu assoġġettati fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni jew għal xi ħtieġa li jkunu konnessi ma' dan li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u ħtiegiet konnessi li għalihom ċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari għar-rigward ta' residenza, huma jew jistgħu jkunu suġġetti. Dan il-provvediment għandu, minkejja l-provvedimenti ta' l-Artiklu 1, jkun japplika wkoll għal persuni li ma jkunux residenti ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti.

2. L-intaxxar fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandux jinġabar inqas favorevolment f'dak Istat l-ieħor mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi ta' dak l-Istat l-ieħor li jkun qiegħed iwettaq l-istess ativitajiet. Dan il-provvediment ma għandux jiftiehem bħala li jobbliga lil Stat Kontraenti li jikkonċedi lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor xi *allowances*, ħelsien u tnaqqis personali għall-għanijiet ta' ta' tassazzjoni minħabba fl-istatus ċivili jew responsabbiltajiet familjari li tikkonċedi lir-residenti tagħha.

3. Ħlief fejn il-provvedimenti tal-paragrafu 1 ta' l-artiklu 9, paragrafu 6 ta' l-artiklu 11, jew paragrafu 6 ta' l-Artiklu 12 japplikaw, mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jitħallsu minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, għall-għan li jiġu stabbilit x'inhuma l-profitti taxxabbli ta' dik l-impriża, jiġu mnaqqsa taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku kienu mħallsa residenti ta' l-ewwel imsemmi Stat.

4. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun għalkollox jew f'parti minnu proprjetà jew taħt il-kontroll, sew dirett sew mhux dirett, minn residenti wieħed jew iktar ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma jkunux suġġetti fl-Istat l-ewwel imsemmi għal xi tassazzjoni jew ħtieġa konnessa ma' dan li tkun xort'oħra jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u ħtieġiet konnessi li għalihom ikun jew jistgħu jkunu suġġetti l-impriżi ta' l-ewwel imsemmi Stat.

5. Il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw għal taxxi koperti b'dan il-Ftehim.

## Artiklu 25

## PROĊEDURA GĦAL FTEHIM REĊIPROKU

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'tassazzjoni li ma tkunx skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, huwa jista', irrispettivament mir-rimedji pprovduti mil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, jippreżenta l-każ tiegħu quddiem l-awtorità

kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu huwa jkun residenti jew, jekk il-każ tiegħu jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-artiklu 24, lil dik ta' l- Stat Kontraenti li tiegħu huwa jkun ċittadin. Il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin minn l-ewwel avviż ta' l-azzjoni li tirriżulta f'intaxxar li ma jkunx skond il-provvedimenti tal-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tistħarreġ, jekk ikunx jidhrilha li l-oġġezzjoni tkun ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, li tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni li ma tkunx skond il-Ftehim. Meta jintlaħaq ftehim dan għandu jiġi implimentat minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġi domestika ta' l- Stati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jistħarrġu kif jirrisolvu permezz ta' ftehim reċiproku kull diffikultà jew dubbju li jista' jitnissel dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien għall-eliminazzjoni ta' tassazzjoni doppja f'dawk il-każijiet li m'hemm xejn provdut dwarhom fil-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l- Stati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin direttament bil-għan li jilħqu ftehim fis-sens tal-paragrafi preċedenti.

## Artiklu 26

## SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa għat-twettiq tal-provvedimenti ta' dan il-Ftehim jew ta' l-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti għar-rigward ta' taxxi koperti bil-Ftehim sakemm l-intaxxar li jsir taħtom ma jkunx kuntrarju għall-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-artiklu 1. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta mill-Istat Kontraenti għandha tiġi ttrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħall-informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istima jew il-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew id-deċizjoni ta' appelli dwar, it-taxxi koperti bil-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

2. F'ebda każ ma għandhom il-provvedimenti tal-paragrafu 1 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess tal-kummerċ, jew informazzjoni, li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

**Artiklu 27**

**LIMITAZZJONI TA' BENEFIĊĊJI**

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx japplikaw għal persuni li jkunu intitolati għal xi benefiċċju ta' taxxa speċjali taħt il-liġi ta' xi wieħed mill-Istati Kontraenti jew xi liġi sostanzjalment simili li tiġi magħmula sussegwentement u li tkun identifikata mill-Istati Kontraenti.

**Artiklu 28**

**MEMBRI TA' MISSJONIJIET DIPLOMATIĊI U KARIGI KONSULARI**

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali ta' membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew karigi konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt il-provvedimenti ta' kull ftehim speċjali.

**Artiklu 29**

**BIDU FIS-SEĦĦ**

1. L-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin, permezz tal-kanali diplomatiċi, li l-ħtiġiet legali għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jkunu ġew imħarsa.

2. Dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ tletin jum wara d-data ta' l-iktar tard mill-għoti ta' l-avviżi msemmija fil-paragrafu 1 u l-provvedimenti tiegħu għandu jkollhom effett:

(a) fis-Slovenja:

għar-rigward ta' *income* li jinkiseb f'xi sena fiskali li tibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jiġi minnufih wara s-sena kalendarja meta l-Ftehim jibda jseħħ;

(b) f' Malta:

għar-rigward ta' taxxi fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew żmien ta' kontijiet, skond il-każ, li jibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jiġi minnufih wara d-data meta l-Ftehim jibda jseħħ.

**Artiklu 30**

**TERMINAZZJONI**

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ għal żmien indefinittiv sakemm jiġi terminat minn xi Stat Kontraenti. Stat Kontraenti il-wieħed jew l-ieħor jista jittermina l-Ftehim, permezz tal-kanali diplomatiċi, billi jagħti avviż bil-miktub tat-terminazzjoni mill-inqas sitt xhur qabel tmiem xi sena kalendarja li tibda wara l-iskadenza ta' perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ. F'dak il-każ, il-Ftehim m jibqax iseħħ:

(a) fis-Slovenja:

għar-rigward ta' *income* li jinkiseb f'xi sena fiskali li tibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jiġi minnufih wara s-sena kalendarja meta jinghata l-avviż ta' terminazzjoni;

(b) f' Malta:

għar-rigward ta' taxxi fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew żmien ta' kontijiet, skond il-każ, li jibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jiġi minnufih wara d-data meta jinghata l-avviż.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL fil-Belt Valletta illum it-8 ta' Ottubru, 2002, in duplikat fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Sloven, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs. F'każ ta' diverġenza bejn iż-żewġ testi, jipprevalixxi t-test Ingliż.

| Għal Malta | Għar-Repubblika tas-Slovenja |
|---|---|
| Joseph Scicluna<br>Segretarju Permanenti<br>Ministeru tal-Finanzi | Samuel Zbogar<br>Segretarju għall-Istat<br>Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin |

**PROTOKOLL**

Meta sar l-iffirmar tal-Ftehim bejn Malta u r-Repubblika tas-Slovenja għall-ħelsien minn taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, is-sottoskritti ftehmu kif ġej:

B'riferenza għall-Artiklu 27:

Huwa miftiehem li fil-każ ta' Malta il-persuni li huma intitolati għal benefiċċju ta' taxxa speċjali kif imsemmi fl-Artiklu 27 huma dawn li ġejjin:

a) persuni li jkunu intitolati għal xi benefiċċju ta' taxxa speċjali taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330) ħlief għal dawk il-persuni li jagħżlu taħt l-artikolu 41 ta' dak l-Att li jkunu soġġetti għad-disposizzjonijiet normali ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap. 123) u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

b) persuni li u li sal-limitu fejn taħt il-provvedimenti ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, ma jkunux soġġetti għat-taxxa fuq il-profitti miksuba mit-tħaddim ta' bastimenti fi traffiku internazzjonali;

ċ) persuni intitolati għal xi benefiċċju ta' taxxa speċjali għar-rigward ta' distribuzzjonijiet minn *trust* bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar it-*Trusts*, fil-konsiderazzjoni li *trust* kif stipulata f'dak l-Att ma tkunx vestita b'personalità ġuridika u għalhekk ma tkunx tista' tibbenefika taħt dan il-Ftehim skond kull jedd li jappartjeni lilha;

d) persuni intitolati għal xi benefiċċju ta' taxxa speċjali taħt xi liġi sostanzjalment simili magħmula sussegwentement li tkun ikkunsidrata bi ftehim reċiproku mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti bħala trattament fiskali speċjali fil-kuntest tat-tifsira ta' l-Artiklu 27 ta' dan il-Ftehim.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL fil-Belt Valletta illum it-8 ta' Ottubru 2002, in duplikat fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Sloven, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs. F'każ ta' diverġenza bejn iż-żewġ testi, jipprevalixxi t-test Ingliż.

| | |
|---|---|
| Għal Malta | Għar-Repubblika tas-Slovenja |
| Joseph Scicluna<br>Segretarju Permanenti<br>Ministeru tal-Finanzi | Samuel Zbogar<br>Segretarju għall-Istat<br>Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin |